



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-5 ta' Mejju 2022

L-attività li l-awdituri tal-UE wettqu fl-2021: il-verifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-Ewropa hija kruċjali aktar minn qatt qabel

Illum, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ippublikat ir-rapport annwali tal-attività tagħha għall-2021. Ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn ix-xogħol tal-QEA fl-2021, u jipprovdi informazzjoni dwar il-maniġment tal-istituzzjoni, il-persunal u l-finanzi tagħha, u jiddeskrivi kif id-900 impjegat tal-QEA komplew jipprovdu rapporti indipendenti u oġġettivi dwar kwistjonijiet ewlenin għall-ġejjieni tal-UE. Minħabba li l-Istati Membri attwalment qed jiffaċċjaw ħafna sfidi mhux mistennija, il-QEA taqdi rwol kruċjali billi tenfasizza dawk l-aspetti ta' azzjonijiet tal-UE li jaħdmu tajjeb, tiġbed l-attenzjoni għal aspetti li jistgħu jittejbu, u tirrakkomanda bidliet sostantivi biex l-UE tkun tista' tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha. Permezz ta' dan ix-xogħol, l-UE tista' tibni fuq l-isforzi preċedenti tagħha biex ittejjeb il-ġestjoni finanzjarja tagħha, u biex tiżgura li l-infiq tal-UE jwassal riżultati.

Fl-2021, l-awdituri tal-UE komplew jaħdmu fi ħdan il-limiti tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u s-saħħa pubblika relatati mal-COVID-19. Il-kapaċità tagħhom li jwettqu awditi fuq il-post kienet għadha ristretta sinifikattivament. Iżda huma aġġustaw għas-sitwazzjoni l-ġdida, għamlu bidliet rapidi fil-metodi ta' ħidma tagħhom, u malajr tgħallmu għodod ġodda biex ikunu jistgħu jipprovdu servizz tal-awditjar pubbliku effettiv fl-UE.

B'riżultat ta' dan, l-awdituri tal-UE waslu għal konklużjonijiet li kienu f'waqthom u sinifikattivi, u għamlu rakkomandazzjonijiet speċifiċi u rilevanti. Il-QEA ħarġet 55 pubblikazzjoni fl-2021, li jinkludu 32 rapport speċjali u rapport analitiku li jindirizzaw ħafna mill-isfidi li l-UE qed tiffaċċja fl-oqsma differenti ta' nfiq u ta' politika tagħha. L-awdituri ttrattaw kwistjonijiet li jinkludu: il-politika agrikola komuni (PAK) u t-tibdil fil-klima, il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, l-elettromobbiltà, l-aġenzija Frontex tal-UE għall-protezzjoni tal-fruntieri, il-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi mhux tal-UE fir-ritorn ta' migranti irregolari, l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa, il-finanzi sostenibbli, il-ħasil tal-flus, u d-diżinformazzjoni. Huma ħarġu wkoll żewġ rapporti relatati mal-COVID-19: rapport analitiku dwar ir-rispons li l-UE tat fil-livell tas-saħħa pubblika u awditu tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru waqt il-pandemija.

Il-pubblikazzjonijiet tal-QEA – rapporti tal-awditjar, rapporti analitiċi, u opinjonijiet – huma element essenzjali tal-katina tal-obbligu ta' rendikont tal-UE. Huma jgħinu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jimmonitorjaw u jiskrutinizaw l-ilfuq tal-oġġettivi ta' politika tal-UE, u biex jitolbu li jingħata rendikont minn dawk responsabbli għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE, prinċipalment il-Kummissjoni Ewropea.

Ir-rapport annwali tal-attività sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

“Filwaqt li l-pandemija tal-COVID-19 għadha ma għaddietx, kriżi terribbli oħra laqtet il-fruntieri tal-UE għal għarrieda,” qal il-President tal-QEA Klaus-Heiner Lehne. *“Dawn huma żminijiet ta’ swied il-qalb għall-Ewropa. Issa aktar minn qatt qabel, jeħtieġ li l-UE turi l-għaqqda u li twettaq riżultati. Il-missjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija aktar kruċjali issa milli qatt kienet: b’dan il-ħsieb, se nkomplu bl-isforzi tagħna biex nivvalutaw il-valur miżjud tal-azzjoni tal-UE.”*

Il-Programm ta’ Hídma 2022+ tal-QEA, li ġie ppubblikat f’Diċembru 2021, jenfasizza l-prijoritajiet tal-awditjar tal-QEA għas-snin li ġejjin u jippreżenta fid-dettall id-79 rapport, kemm rapporti speċjali kif ukoll dawk analitiċi, li se jiġu ppubblikati. Huwa jstabbilixxi erba’ oqsma strateġiċi prinċipali – il-kompetittività ekonomika tal-UE; ir-reżiljenza fil-konfront ta’ theddid għas-sigurtà tal-UE, u r-rispett għall-valuri Ewropej tal-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt; it-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali; il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi fl-Unjoni. Minn dawn ir-rapporti, 16 se jittrattaw kwistjonijiet relatati mar-rispons tal-UE għall-COVID-19, bħall-akkwist ta’ vaċċini, u sensiela ta’ awditi dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (l-inizjattiva Next-Generation EU) li ġiet stabbilita biex tgħin lill-Ewropa tlaħħaq mal-konsegwenzi tal-pandemija.

Informazzjoni ġenerali

Il-QEA hija l-istituzzjoni tal-awditjar indipendenti estern tal-UE. Hija bbażata fil-Lussemburgu, u ilha topera mill-1977. Timpjega madwar 900 persuna, min-nazzjonalitajiet kollha tal-UE. Fl-2021, il-QEA rrekutat 80 impjegat ġdid u pprovdiet 56 internship għal gradwati universitarji, li damu minn 3 sa 5 xhur. Madwar nofs il-membri tal-persunal tagħha huma nisa. Il-baġit tal-QEA għall-2021 kien madwar EUR 153.7 miljun, li huwa inqas minn 0.1 % tal-infiq totali tal-UE u madwar 1.5 % tal-infiq amministrattiv tagħha.

Il-QEA teżisti biex:

- tiżgura li l-kontijiet tal-UE jinżammu b’mod xieraq u li din tapplika r-regoli finanzjarji tagħha b’mod korrett, u li l-politiki u l-programmi tal-UE jilħqu l-oġettivi intenzjonati tagħhom u jipprovdu valur għall-flus;
- tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE u tippromwovi l-obbligu ta’ rendikont u t-trasparenza;
- twissi dwar il-possibbiltà ta’ riskji, tipprovdi aċċertament, tindika fejn ikun hemm nuqqasijiet u suċċessi, u toffri gwida lil dawk li jfasslu l-politika u lil-leġiżlaturi tal-UE;
- tippreżenta l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali, kif ukoll lill-pubbliku ġenerali.

Ir-Rapport tal-Attività 2021 tal-QEA huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) b’24 lingwa tal-UE.

Ir-rapport tal-attività jagħti rendikont sħiħ tal-awditi u l-pubblikazzjonijiet maħruġa mill-QEA, tal-kontrolli li din wettqet fl-Istati Membri u f’pajjiżi mhux tal-UE, kif ukoll tal-involviment li kellha mal-partijiet ikkonċernati prinċipali tagħha fl-2021. Huwa jipprovdi wkoll informazzjoni ewlenija dwar il-persunal, il-governanza u l-finanzi tal-QEA.

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547